MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Numru 451/2011

**Il-Pulizija**
**(Supt. Sharon Tanti)**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**Vs**
**Emanuel Debrincat**

**Illum 30 ta' Marzu, 2012.**

**Sentenza dwar l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali**

Il-Qorti,

(a)Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Emanuel Debrincat (ID no. 98346 (G)) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

F'Ottubru, 1994 u matul it-tnax-il sena ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenza kkommetta diversi stupri fuq il-persuna ta' bintu M'Rose Debrincat sa minn meta

kienet għadha taħt l-eta’ ta’ disa’ snin, u dan bi ksur tal-Art 198 u 201(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi mingħajr is-setgħa skont li-liġi ta’ awtorita` kompetenti u barra mill-każijiet fejn fihom il-liġi tagħti s-setgħa l-privat li jarresta l-ħati, żamm, arresta jew issekwestra lill-istess bintu M’Rose Debrincat kontra l-volonta` tagħha u dan sabiex lill-istess minorenni, iġigħelha tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha u fl-istess waqt offendiha fuq il-persuna jew heddidha bil-mewt u dan bi ksur tal-Art. 87(c) u (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(ċ) Fl-istess zmien, lok u ċirkostanzi, b’għemil żieni kkorrompa lil bintu M’Rose Debrincat u dan bi ksur tal-Art. 203(b) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(d) Fl-1993 fil-Qala, b’għemil żieni kkorrompa lil bintu Sonia Marie Debrincat dak iż-żmien minorenni u dan bi ksur tal-Art. 203(b) u (c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(e) Bejn l-1988 u l-1992, fil-Qala u f’Marsalforn, b’diversi atti magħmulin minnu wkoll fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda kkommetta korruzzjoni ta’ minorenni u diversi attentati vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta’ Sonia Mifsud sa minn meta kienet taħt l-eta` ta’ disa` snin, meta huwa axxendent, mid-demm jew bi żwieġ u b’theddid jew b’qerq u dan bi ksur tal-Art. 201(a) u (b), 202(e) u (g), 203(b) u (c) u Art. 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(f) Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, mingħajr is-setgħa skont il-Ligi ta’ awtorita` kompetenti u barra mill-każijiet fejn fihom il-ligi tagħti s-setgha l-privat li jarresta l-ħati, żamm, arresta jew issekwestra lill-istess neputija tiegħu, Sonia Mifsud kontra l-volonta` tagħha u dan sabiex lill-istess minorenni, iġegħelha tagħmel jew toqgħod għal xi haġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha u fl-istess waqt offendiha fuq il-persuna jew heddidha bil-mewt u dan bi ksur tal-Art. 87(c) u (g) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-14 ta’ Ottubru, 2011, li biha ddikjarat li l-appellat mhux hati.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fis-7 ta’ Novembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett jew tirrevoka l-istess sentenza u ssib lill-appellat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi fuqu l-piena jew pieni skont il-liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti u cioe':-

1. in-nullita` tas-sentenza minħabba li l-Maġistrat għadda għas-sentenza mingħajr ma personalment sema` x-xhieda kollha u għalhekk ma kienx f’pożizzjoni li jagħmel evalwazzjoni tal-karattru tagħhom;

2. bhala aggravju sussidjarju pero` ukoll relatat, ir-raġunament żbaljat u rraġonevoli tal-provi li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati sabiex waslet ghal-liberazzjoni tal-imputat.

Din is-sentenza hija dwar l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**Sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali dwar l-ewwel aggravju**

L-Avukat Ġenerali jelabora dwar l-ewwel aggravju li l-kawża bdiet quddiem Maġistrat li ma sema’ l-ebda xhud, tkompliet mill-Maġistrat Dott Michael Mallia liema Maġistrat sema’ x-xhieda prinċipali inkluż ix-xhieda tal-allegati vittmi. Imbagħad fl-24 ta’ Jannar 2001 din il-kumpilazzjoni kompliet tinstema’ mill-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr.A.Micallef Trigona. Dana sema’ lil Dr Victor

Curmi, l-Arċipriet Dun Karm Refalo, lill-imputat Emanuel Debrincat u in kontro-eżami lil Sonia Marie Debrincat, Frances Debrincat, Sonia Mifsud u Mary Rose Cauchi. B’mod partikolari kellhom ikun osservati l-artikoli 637, 638 u 639 tal-Kap 9. Il-Maġistrat li ta s-sentenza ma setax jagħmel valutazzjoni tal-provi tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża peress li hu sema’ l-kontro-eżamijiet tax-xhieda prinċipali kif ukoll dik tal-imputat.

Sabiex ġudikant jasal għal deċiżjoni jekk jemminx xhud jew le għandu isegwi u jagħti każ l-imġiba. Il-kondotta u l-karattru tax-xhud. Kien il-Maġistrat Dott Michael Mallia li għex parti minn din l-esperjenza meta ra x-xhud Sonia Mifsud turi emozzjonijiet kbar, raha tirogħod u raha li b’diffikulta’ kbira kienet qed tirrakkonta dak illi għaddiet minnu minħabba l-aġir abużiv tal-appellat. F’dan il-każ il-Maġistrat Dott A. Micallef Trigona ppronunzja s-sentenza meta sema’ biss nofs il-provi jew sema’ biss dak li kellha xi tgħid id-difiża u qagħad esklussivament fuq dak li nstema’ minn maġistrat ieħor u li ġie traskritt. In sostenn ta’ dan l-Avukat Ġenerali rrefera għall-każ ‘Il-Pulizija versus Joseph Bartolo’ Qorti tal-Appell Kriminali per Imħallef l-Onor Vincent Degaetano datata 9 ta’ Settembru 1999.

**Ir-risposta tal-appellat**

L-appellat ippreżenta risposta fid-9 ta’ Jannar 2012 li fiha rrisponda kif ġej:

‘Kif jirriżulta mir-rakkont tal-fatti stess, meta daħal l-aħħar Maġistrat f’din il-kumpilazzjoni, il-prosekuzzjoni kienet għadha fl-istadju li tressaq il-provi tagħha. Ma jirriżultax illi l-Prosekuzzjoni f’xi seduta wara l-24 ta’ Jannar 2001, meta kienet għadha fl-istadju tal-provi tagħha, għaliex tellgħet xhieda lil Dr Victor Curmi u ‘l Dun Karm Refao, kienet talbet hijs stess illi jinstemgħu x-xhieda preċedenti illi kienet ressqet. Għalhekk ma tistax hi stess bl-aġir tagħha tqajjem kwistjoni ta’ nullita’ illi hija se mai ħalliet għaddejja u wara tnewwah illi dak li sar kien null.

Fattwalment, l-Avukat Ġenerali lanqas huwa korrett. Jingħad illi Sonia Marie Debrincat, Frances DeBrincat, Sonia Mifsud u Mary Rose Cauchi kollha isntemgħu in kontro-eżami. Hija asserzjoni gratuwita illi jgħid li l-Qorti ma kellhiex l-opportunita' tevalwa x-xhud għaliex ma semgħetux jixhed fl-eżami imma semgħetu jixhed fil-kontro-eżami. Din hija asserzjoni gratuwita. Meta xhud ikun prodott mill-Prosekuzzjoni u jkun hu stess il-complainant, l-istorja li jkun se jgħid ikun jafha u naturalment ikun irid jimxi magħha. Huwa l-kontro-eżami illi jesponi l-kredibilita' o meno tax-xhud u l-komportament tax-xhud l-aktar importanti jidher fil-kontro-eżami u mhux fl-examination in chief.'

Ikkonsidrat

**Kif mexa l-proċess**

Li mill-atti fil-proċess jirriżulta li l-appellat tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat Coppini bħala l-Maġistrat tal-Għassa fis-17 ta' Frar 2000.

Wara l-każ kien assenjat lill-Maġistrat (illum Imħallef) Dottor Michael Mallia LL.D. li beda jisma' l-provi fit-23 ta' Frar 2000. Huwa sema' lil Sonia Maria Debrincat (fol 15) u kien hemm il-kontro-eżami tagħha wkoll (fol 18).

Fil-15 ta' Marzu, 2000 l-istess Maġistrat sema' lil Frances Debrincat (fol 21), lil Mary Rose Debrincat (fol 28-34), Sonia Mifsud (fol 36-4 6)[1] u fl-istess data il-Qorti ddikjarat li kien hemm każ prima facie kontra l-appellat. Fl-1 ta' Settembru 2000 il-Maġistrat sema' lil Astrid Camilleri (fol 62) u lil Dr Mariella Blackman (fol 64 - 69).

Fit-3 t'Ottubru 2000, l-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli (fol 72) bl-ordni li l-Qorti tisma' kull prova oħra li ġġib il-Pulizija.

---

[1] Ara r-rimarki tal-Qorti dwar il-komportament tax-xhud a fol 38 u 40

Fil-11 t'Ottubru 2000, il-Qorti, preseduta għall-aħħar darba mill-Maġistrat Dr Michael Mallia, semgħet lil Dr Victor Curmi (fol 73)

**Fl-24 ta' Jannar 2001,** il-Qorti kienet preseduta mill-Maġistrat Dr.Antonio Micallef Trigona (fol 76).

Fit-30 ta' Lulju 2001, il-Qorti semgħet lir-Rev.Arċipriet tal-Parroċċa tal-Qala Dun Karm Refalo. (fol 80 u 81) u lill-Professur Victor Curmi (fol 82-83).

**Fit-8 t'Ottubru 2003** il-partijiet qablu li minnflok ma l-Arċipriet Dun Karm Refalo jiddeponi quddiem il-Qorti kellha tittieħed bħala mogħtija għall-finijiet ta' din il-kawża d-depożizzjoni tal-istess Arċipriet Refalo fil-kawża fl-ismijiet 'Frances Debrincat vs Emanuel Debrincat', (fol 107). Din fiha l-eżami u l-kontro-eżami kif meħudin quddiem l-Assistent Ġudizzjarju għal Għawdex Dr.Aaron Attard Hili (paġina 108- 135).

**F'din l-istess seduta l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi**.

Fit-28 ta' Lulju 2004 Dr.Anton Refalo, l-avukat difensur, għamel il-kontro-eżami ta' Sonia Marie Debrincat (fol 142 – 153).

Fit-18 ta' Settembru 2008 sar il-kontro-eżami ta' Frances Debrincat (fol 194-195) u l-kontro-eżami ta' Sonia Maria Mifsud (fol 198 – 203).

Fid-19 ta' Diċembru, 2008 xehed in-Nutar Dr Paul George Pisani (fol 209 -210) u xehdet ukoll Mary Rose Cauchi (fol 211).

Fit-2 ta' Settembru, 2011 xehed l-appellat Emanuel Debrincat (fol 227 - 234). Sar il-kontro-eżami tiegħu ukoll (fol 229- 234).

Fil-15 ta' Settembru 2011, il-parte ċivile għamlet sottomissjonijiet bil-miktub (fol 236 – 260 – 24 paġina dattilografata).

Fis-26 ta' Settembru 2011, l-appellat ippreżenta nota responsiva (fol 261 sa 268).

Mir-rassenja ta' dak li sar fil-proċess jirriżulta li l-Maġistrat (illum Imħallef) Dr.Michael Mallia sema' dawn ix-xhieda: Sonia Marie Debrincat, Frances Debrincat, Mary Rose Brincat, Sonya Mifsud, Dr Astrid Camilleri, Ms Mariella Blackman u Dr.Victor Curmi – kollha xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Il-Maġistrat Dr.Micallef Trigona sema' lill-Arċipriet Dun Karm Refalo (ix-xhieda tiegħu kif redatta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fil-proċeduri ċivili), lil Doctor Victor Curmi,
il-kontro-eżami ta' Sonia Maria Debrincat, il-kontro-eżami ta' Frances Debrincat, il-kontro-eżami ta' Sonia Maria Mifsud, lil Dr Paul George Pisani, il-kontro-eżami ta' Mary Rose Cauchi u l-eżami u l-kontro-eżami tal-appellat.

Minn din l-analiżi tax-xhieda mismugħa jirriżulta li l-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Michael Mallia kien sema' viva voce seba' xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni waqt li l-Maġistrat Dr Micallef Trigona sema' żewġ xhieda tal-Prosekuzzjoni, il-kontro-eżamijiet ta' ħames persuni (erba' kienu xhieda tal-Prosekuzzjoni) waqt li waħda (Mary Rose Cauchi) tidher li nstemgħet mill-Maġistrat Dr.Micallef Trigona biss u l-eżami u l-kontro-eżami pjuttost twil tal-appellat.

L-Avukat Ġenerali jissottometti li Maġistrat għandu jisma' kollox hu.

Il-Qorti tibda biex tgħid li proċess aħjar jibdih u jispiċċah l-istess ġudikant milli jgħaddi minn id għal oħra. .  Biss mhux bilfors wieħed għandu jqis din is-sentenza nulla għax parti nstemgħet minn Maġistrat u parti nstemgħet minn Maġistrat ieħor.

L-ewwelnett, il-Maġistrat li ta s-sentenza iddikjara li hu kien qara l-proċess għal darba, darbtejn.  Dan ifisser li

huwa qara kollox, kemm dak li sema’ hu kif ukoll dak li sema’ l-Maġistrat l-ieħor.

It-tieni, għall-kuntrarju tas-sentenza li saret referenza għaliha, hawn l-appellant mhux l-imputat iżda l-Prosekuzzjoni li hija responsabbli mit-tmexxija tal-provi. Hija s-suġġett attiv matul il-proċess. Żgur li l-imputat għandu rwol differenti ħafna minn dik tal-Prosekuzzjoni għax bħala akkużat huwa l-parti li qed ‘tirċievi’ l-azzjoni u jista’ jkun deskritt bħala s-suġġett passiv. Huwa sinifikanti li meta l-bdil ta’ġudikant fi proċeduri kriminali tqajjem fil-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dan sar mill-akkużat u mhux mill-Prosekuzzjoni.[2]

Huwa sinifikanti wkoll li l-Prosekuzzjoni qatt ma talbet li jinstema’ xi xhud mill-ġdid u għalhekk hija akkwejixxiet jew qablet li ma kienx hemm għalfejn jerġa’ jinstema’ kollox mill-ġdid jew li jinstemgħu xi xhieda minn dawk li kienu nstemgħu mill-ewwel Maġistrat. M’hemm ebda verbal li jindika li saret tali talba. U l-Prosekuzzjoni kellha żmien biżżejjed biex tagħmel dan – mill-24 ta’ Jannar 2001 sa ma ngħatat is-sentenza jiġifieri sal-14 t’Ottubru 2011.

Min-naħa tal-parte civile, din għamlet tliet rikorsi (20 ta’ Lulju 2010, 23 ta’ Diċembru 2010 u 25 ta’ Jannar 2011) fejn talbet biex ikun hemm eżitu finali.

Barra minn hekk, il-parti mismugħa mit-tieni Maġistrat mhux biss tinkludi l-kontro-eżamijiet –inkluż dak tal-imputat – talli wkoll hemm magħha Nota tal-Osservazzjonijiet tal-parte civile ta’ sitta u għoxrin paġina li hija dettaljata ħafna. Żgur li din inqrat ukoll mill-Qorti li tat is-sentenza.

It-tielet, il-mod kif ittieħdet ix-xhieda meta kienet qed tinstema’ mill-Maġistrat Dr.Mallia, ittieħdet fid-dettall b’mod eżawrjenti. Saħansitra f’ċerti paġini hemm indikat l-***<u>istato d’animo</u>*** ta’ waħda mix-xhieda.

---

[2] Ara: P.K.versus Finland 37442/97 9th July 2002 fejn il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma sabet ebda vjolazzjoni.

Ir-raba'  **t-tonalita'** tax-xhieda xorta qegħda hemm ukoll jekk hemm reġistrat dak li l-Maġistrat kien qed jiddetta dak li qed jixhed ix-xhud.  It-**tonalita'** differenti ta' kull xhud tinħass tant sew li jekk tieħu paragrafu ta' xhud **A** u tinkludih f'dak li qed jgħid xhud **B** mill-ewwel tintebaħ li l-paragrafu l-ġdid huwa 'out of character.'

Il-ħames - il-fatti fil-każ ta' llum huma totalment diversi minn dawk tas-sentenza 'Il-Pulizija vs Joseph Bartolo'. Fil-qosor hemm l-appellant kien l-imputat li **kkontenda** li huwa ma kienx jaf li l-pjanti li kien qed jikkoltiva kienu pjanti tal-cannabis.  Dan in-nuqqas ta' xjenza tiegħu ippruvah fuq bażi ta' probabilita'.  Il-provi kienu nstemgħu kollha (inkluża d-depożizzjoni tal-imputat-appellant) minn Maġistrat li imbagħad kien inħatar Imħallef.  Il-partijiet kienu wkoll għamlu s-sottomissjonijiet quddiem l-istess Maġistrat.  Il-Maġistrat li ippresieda l-kawża wara sema' biss is-sottomissjonijiet finali. Il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza qatt ma semgħet ix-xhieda jixhdu iżda straħet fuq it-traskirzzjoni tad-diversi depożizzjonijiet inkluża d-depożizzjoni tal-istess imputat.  (Emfasi mhux ta' din il-Qorti iżda tal-Qorti li tat is-sentenza ċitata).

Fil-każ ta' llum l-appell ma kienx  intavolat mill-imputat - li x-xhieda tiegħu nstemgħet  mill-Qorti kif preseduta.  Barra dan,  il-Qorti semgħet ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni in kontro-eżami u għalhekk kellha ċ-ċans kollu li tara jekk ix-xhieda kinux qed jgħidu l-verita' jew le. Fuq kollox, jekk il-Prosekuzzjoni riedet li jinstema' kollox mill-ġdid, dan imissha għamlet talba għalih immedjatament jew ftit wara li kien hemm bidla fil-Maġistrat.

Huwa tassew li l-artikolu 637 tal-Kap 9 jipprovdi hekk:

'u fuq din (il-kredibbilita' tax-xhud) id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġiba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi tal-każ.'

Dan l-artikolu jagħti linji gwida biex min irid jiġġudika jkollu għajnuna dwar x'tip ta' analiżi għandu jagħmel biex jiżen il-kredibbilita' ta' xhud. Il-prinċipji tiegħu għandhom jitħaddmu fil-proċeduri differenti kontemplati fil-Kodiċi Kriminali jew f'Liġijiet speċjali liema proċeduri jistgħu jinqasmu kif ġej:

(a) Il-proċedura tal-Qorti Kriminali bil-ġurati jew bla ġurati;
(b) Il-proċedura sommarja fejn kawża tibda u tispiċċa fl-istess seduta;
(ċ) Il-proċedura fejn il-kompetenza tal-Maġistrat tmur oltre s-sitt xhur indikata mill-artikolu 370 – is-sommarji ta' erba' snin u l-kawżi fejn l-Avukat Ġenerali jagħti l-artikoli.

Fi proċeduri (a) u (b) hija n-norma li jkun l-istess Imħallef, ġurati, jew Maġistrat li jisma' jew jisimgħu kollox u jiddeċiedi jew jiddeċiedu (jekk il-proċedura tkun bil-ġurati) il-ħtija o meno tal-imputat jew l-akkużat. Għalhekk l-artikolu msemmi jista' jitħaddem bla xkiel f'dawn il-proċeduri ukoll jekk xi drabi min ikun seer jiddeċiedi jitlob li jerġa' jinstema' t-tape.

Iżda fi proċeduri li jaqgħu taħt il-paragrafu (ċ) mhux l-ewwel darba li Maġistrat li jkun qed jisma' l-kawża jdum tlieta u anke erba' snin jew aktar jisma' l-kawża u wara li jkun sema' xi xhieda jkun assenjat xogħol ieħor, jinħatar imħallef jew jirtira. Dan, bħala regola, iħalli warajh għadd kbir ta' kawżi li jkunu nbdew jew fl-aħħar xhur jew inkella snin qabel. Jekk kull darba jibda kollox mill-ġdid allura jkunu nħlew sigħat twal għalxejn, xhieda jkunu nsew x'ġara, oħrajn jibdlu l-verżjoni tagħhom, u oħrajn ikunu mietu. Ma' dawn wieħed iżid li jista' jkun hemm ukoll xhieda f'rogatorji barra mill-pajjiż li s'intendi ma jkunux instemgħu mill-Maġistrat innifsu.

Ukoll jekk jibqa' l-istess Maġistrat mill-bidu sa l-aħħar dan ma jfissirx li dan il-ġudikant li jkun sema' xhud tlieta jew erba' snin qabel ma jerġax jaqra darba, darbtejn, tlieta jew aktar (enfasi tal-qorti) xi jkun qal xhud żmien twil qabel. Barra dan huwa jkun jista' jqabbel x'qal ix-xhud ma' dawk li jkunu qalu xhieda oħra għax issa jkollu storja waħda quddiemu mill-bidu sal-aħħar u mhux aktar sempliċiment

xhieda li nġabret ftit, ftit u li tispiċċa frammentata fil-memorja minħabba t-trapass taż-żmien.. Tassew li l-Maġistrat jista' jiftakar lil xhud jixhed fuq il-pedana tax-xhieda speċjalment jekk il-personalita' tax-xhud partikolari tolqtu b'xi mod jew ieħor. Iżda wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li matul tlieta jew erba' snin il-Maġistrat ikun sema' ruxxmata xhieda f'kawżi differenti u mhux bilfors li jiftakar l-imġiba, il-kondotta u l-karattru tax-xhud li jkun ra quddiemu. Pjuttost il-Maġistrat jista' jasal għall-ġudizzju jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa **wara qari tajjeb tat-test.** It-tħejjija akkademika ta' ġudikant tista' tgħinu sew biex jagħraf dak li hu attendibbli minn dak li mhux - waqt li jkun fil-kwiet tal-istudju tiegħu u mingħajr distrazzjonijiet.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li qieset li:

(a) in-nullita' tas-sentenza tqajmet mill-Prosekuzzjoni li kienet propju hi li inizjat, mexxiet u kompliet il-proċeduri ; u
(b) dan sar kollu mingħajr ma qatt - għal 10 snin sħaħ – ma għamlet ebda talba sabiex jerġa' jinstema' xi xhud jew xi xhieda wara l-bidla fil-ġudikant; u
(ċ) li għalhekk dan ifisser li l-Prosekuzzjoni akkwiexxiet għall-kontinwazzjoni tal-Proċeduri minn kif kienu sat-tmiem tagħhom; u
(d) li l-każ issa ilu għaddej aktar minn 11-il sena u ma jkunx raġonevoli li jerġgħu jinbdew il-proċeduri mill-ġid; u
(e) għar-raġunijiet l-oħra esposti aktar 'il fuq fosthom li ġudikant ikun f'pożizzjoni li jiġġudika jekk ix-xhieda tkun inġabret sew u li jekk dan ma jistax jagħmlu għandu minn jeddu jitlob li jerġgħu jistemgħu l-provi;

Qed tiċħad dan l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------